Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,974, 28 ta' Lulju, 2000
Taqsima B

A.L. 133 ta' l-2000

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Ordni ta' l-2000 li jemenda l-Ordni dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali (Emenda Nru. 9)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 33 u bis-subartikolu (6) ta' l-artikolu 36 u bl-artikolu 72 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, l-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali għamel l-Ordni li ġej:–

1. Dan l-ordni jissejjaħ l-Ordni ta' l-2000 li jemenda l-Ordni dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali (Emenda Nru. 9), u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-2000 dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali, hawhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". **Titolu.** **A.L. 32 ta' l-2000.**

2. Fit-Tieni Skeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għall-partita "Birgu, Bormla, Fgura, Isla, Kalkara, Marsaskala, Xgħajra u Żabbar" taħt l-intestatura "Kunsill Lokali" u minflok il-kliem "Għad irid jiġi stabbilit" kif indikat taħt l-intestatura "Data tad-delega effettiva" għandu jidħol dan kif ġej:- **Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.**

Kunsill Lokali	Data tad-delega effettiva
"Birgu, Bormla, Fgura, Kalkara, Marsaskala u Żabbar	28 ta' Lulju, 2000
Isla u Xgħajra	Għad irid jiġi stabbilit".